A.L. 51 ta' 2001

ATT DWAR L-AVJAZZJONI ĊIVILI
(KAP. 232)

Regolamenti ta' l-2001 fuq Informazzjoni Statistika li tingħata dwar il-Ġarr ta' Passiġġieri, Merkanzija u Posta

Bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili, il-Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni għamel ir-regolamenti li gejjin :-

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2001 fuq Informazzjoni Statistika li tingħata dwar il-Ġarr ta' Passiġġieri, Merkanzija u Posta. Titolu.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:- Tifsir.

"Direttur" tfisser id-Direttur ta' l-Avjazzjoni Ċivili u tinkludi, fil-parametri ta' l-awtorità mogħtija, kull persuna li tkun awtorizzata għaldaqshekk mid-Direttur;

"ICAO" tfisser l-Organizzazzjoni Internazzjonali dwar l-Avjazzjoni Ċivili (*International Civil Aviation Organization*);

"merkanzija bl-ajru" tfisser kull propjetà li tinġarr fuq inġenju ta' l-ajru barra minn ħażniet u bagalji u tinkludi boroż diplomatiċi u bil-kurrier imma mhux bagalji tal-passiġġieri jew tal-posta;

"mitjar" tfisser kull żona ta' art jew ilma magħmula, mgħammra, mqassma jew ġeneralment użata biex tipprovdi faċilitajiet għall-inżul u t-tluġħ ta' inġenji ta' l-ajru u tinkludi kull żona jew spazju, kemm fuq l-art, fuq is-saqaf ta' bini jew x'imkien ieħor, li tkun magħmula, mgħammra jew imqassma biex tipprovdi faċilitajiet għall-inżul u t-tluġħ ta' inġenji ta' l-ajru li jistgħu jinżlu jew jitilgħu vertikalment, imma ma tinkludi ebda żona li l-użu tagħha biex tipprovdi faċilitajiet għall-inżul u t-tluġħ ta' inġenji ta' l-ajru kien ġie abbandunat u ma reġax inbeda;

"operatur ta' mitjar" hija l-persuna li jkollha liċenza taħt l-*Air Navigation Order, 1990*, biex topera mitjar għall-użu pubbliku;

"passiġġieri bl-ajru" tfisser il-passiġġieri kollha li l-vjaġġ bl-ajru tagħhom jibda jew jispiċċa fl-ajruport li jkun qed jirrapporta

l-informazzjoni statistika, inkluzi passiġġieri li waqt il-vjaġġ ibiddlu l-inġenju ta' l-ajru. Għandhom ukoll ikunu magħduda passiġġieri li jkunu qed itiru dirett. Passiġġieri li jkunu qed itiru dirett huma passiġġieri li jkomplu bil-vjaġġ tagħhom fuq titjira li jkollha l-istess numru tat-titjira bħat-titjira li jkunu għadhom kemm waslu fuqha;

"posta bl-ajru" tfisser il-ġarr ta' korrispondenza u oġġetti oħra li qegħdin jinġarru b'inġenju ta' l-ajru u li jkunu ntbagħtu minn u jkunu maħsuba li jitqassmu lil amministrazzjonijiet postali;

"postijiet disponibbli għall-passiġġieri" għandha tiftiehem bħala l-għadd totali ta' postijiet għall-passiġġieri li jkunu disponibbli għall-bejgħ bejn kull par ta' ajruporti f'settur ta' titjira, barra mill-postijiet li ma jkunux attwalment disponibbli għall-ġarr ta' passiġġieri minħabba fil-piż tal-*fuel* jew ta' xi tagħbija oħra. Meta ma jkunx hemm disponibbli informazzjoni fuq il-konfigurazzjoni eżatta ta' postijiet tal-passiġġieri fuq l-inġenju ta' l-ajru, għandhom jingħataw *data* kalkolati;

"servizzi ta' l-ajru kummerċjali" tfisser it-titjiriet kollha li jiġu operati fuq bażi ta' kiri jew b'kumpens u li jinkludu titjiriet bi skeda u mhux bi skeda, titjiriet domestiċi bil-*helicopter*, titjiriet *air taxi* u kull titjira għal ġarr ta' merkanzija;

"settur ta' titjira" għandha tiftiehem bħala t-tħaddim ta' inġenju ta' l-ajru mit-tlugħ sa l-ewwel inżul tiegħu. Waqfa teknika m'għandhiex tirriżulta f'li settur ta' titjira jiġi klassifikat b'mod differenti minn kif kien ikun il-każ li kieku l-waqfa teknika ma tkunx saret. Il-klassifikazzjoni ta' traffiku (passiġġieri, merkanzija, posta) irrispettivament mix-xorta tiegħu, għandha tkun għalkollox l-istess bħall-klassifikazzjoni tas-settur ta' titjira operat mill-inġenju ta' l-ajru;

"tfal" tfisser persuni li l-età tagħhom tkun bejn sentejn u tnax-il sena;

"titjiriet" tfisser l-għadd ta' titjiriet bejn kull par ta' ajruporti f'settur ta' titjira;

"titjiriet bi skeda" tfisser dawk it-titjiriet li jsiru minn inġenji ta' l-ajru għall-kiri jew b'kumpens biex iġorru passiġġieri, merkanzija u posta, b'tali manjiera illi fuq kull titjira jkun hemm disponibbli postijiet għall-passiġġieri li jistgħu jinxtraw individwalment minn kulħadd, kemm direttament mingħand it-trasportatur kemm mingħand l-aġenti awtorizzati tiegħu, li jsiru bejn mitjar u iehor jew aktar, jew skond orarju ppubblikat jew li

jkunu daqstant regolari jew ta' spiss li jikkostitwixxu serje li tingħaraf b'mod sistematiku;

"titjiriet mhux bi skeda" tfisser dawk it-titjiriet ipprovduti għall-kiri jew b'kumpens barra minn dawk imniżżlin bħala titjiriet bi skeda, u jinkludu titjiriet *air taxi*;

"trasportatur" tfisser intrapriża ta' trasport bl-ajru li jkollha liċenza valida biex hi tkun tista' topera. Meta trasportaturi jkollhom intrapriża flimkien jew xi ftehim kuntrattwali ieħor li jkun jeħtieġ lil xi tnejn jew aktar minnhom li jassumu responsabbiltà separata biex joffru u jbiegħu prodotti ta' trasport bl-ajru fuq titjira jew taqbila ta' titjiriet, għandu jiġi mniżżel it-trasportatur li attwalment ikollu d-drittijiet kummerċjali biex jopera t-titjira.

Karatteristiċi fil-ġbir ta' *data*.

3. (a) Trasportatur għandu jibgħat lill-operatur ta' mitjar li jkun jinsab f'Malta u li jkollu liċenza għall-użu pubbliku, *data* dwar trasport bl-ajru li jkollhom x'jaqsmu ma' servizzi ta' l-ajru kummerċjali li jsiru f'dak il-mitjar u li jkunu juru l-ġarr ta' passiġġieri, l-postijiet ta' passiġġieri disponibbli, il-merkanzija u l-posta, għal kull settur ta' titjira lejn u minn dak il-mitjar.

(b) Id-*data* dwar trasport bl-ajru għandhom jintbagħtu lill-operatur tal-mitjar fl-għamla ta' rappurtaġġ kif murija fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti jew inkella f'dik l-għamla elettronika kif jiġi miftiehem dwarha ma' l-operatur tal-mitjar.

(ċ) It-trasportatur għandu jibgħat id-*data* dwar it-trasport bl-ajru msemmija f'dan ir-regolament fi żmien tnax-il siegħa mill-wasla fil-mitjar jew mit-tluq mill-mitjar.

Preżentazzjoni ta' *data*.

4. L-operatur tal-mitjar għandu jibgħat id-*data* dwar it-trasport bl-ajru f'dak il-format u fuq bażi regolari lid-Direttur kif l-istess Direttur jista' jkun jeħtieġ.

Htiġiet mitluba mill-istatistiku ewlieni.

5. Kull persuna, li tiġbor jew b'kull manjiera oħra jkollha x'taqsam ma' *data* dwar it-trasport bl-ajru kif imsemmi hawn aktar qabel, għandha tħares kull ħtieġa minnha mitluba mid-Direttur Ġenerali ta' l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika kif ipprovdut fl-Att ta' l-2000 dwar l-Awtorità ta' l-Istatistika ta' Malta.

Pieni.

6. Kull trasportatur li jonqos li jibgħat lill-operatur tal-mitjar id-*data* dwar it-trasport bl-ajru fiż-żmien stipulat kif provdut f'dawn ir-regolamenti, jew inkella jgħaddilu data dwar it-trasport bl-ajru mhux sewwa jew bin-nieqes, jista' jeħel multa ta' mhux iżjed minn ħamsin lira, u f'każ ta' reat kontinwat multa oħra ta' mhux iżjed minn żewġ liri għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat.

B 290

Regolament 3(b)

SKEDA

FLIGHT DECLARATION

Flight Information

Flight No ☐☐☐☐☐☐ Arrival ☐ Departure ☐ Technical/Transit ☐ Date d d m m y y ☐☐☐☐☐☐

(Please ✓ one box only)

Flight Classification: Scheduled ☐ Non-Scheduled ☐ All cargo ☐ Other ☐

ATA/ATD ☐☐☐☐ STA/STD ☐☐☐☐

Name of Carrier _____ Carrier Code ☐☐☐ Crew on Board ☐

Aircraft Information

Type of Aircraft ☐☐☐☐ Registration ☐☐☐☐☐☐☐☐

Load Information (emplaned/deplaned only)

Airport Code	Passengers			Baggage kgs *	Mail kgs *	Cargo kgs *
	Male	Female	Infant			

* Weight to be given to the nearest kilo

Transfer Passenger Information (for departing flights only)

Airport Code	No. of Passengers

Direct Transit Passengers

No. of Passengers ☐☐☐